***INVESTIMENT TA' PEDESTRIAN***

***LIKWIDAZZJONI TA' DANNI – MINURI***

***PERMANENT DISABILITY – LUMP SUM***

***VICISSITUDES OF LIFE - MULTIPLIER***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' April, 2001**

**Kawza Numru 38**
**Citazzjoni Numru 1857/98/RCP**

**Raymond u Anna konjugi Gauci f'isimhom proprju u bhala legittimi rappresentanti ta' binhom minuri Christian Gauci**

**vs**

**Christopher Galea**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI**

Rat ic-citazzjoni attrici fejn l-atturi ppremettew:-

Illi fit-2 ta’ Awissu 1995 ghal xi l-11.30p.m. waqt li iben l-atturi l-minuri Christian Gauci – li dak iz-zmien kellu disa’ (9) snin – kien qed jaqsam Triq Sant’ Anna, Floriana, flimkien ma’ Kevin Magro – zaghzugh ta’ ghoxrin (20) sena – huwa safa’ investit mill-vettura Mini-Minor Nru. E-2990 misjuqa mill-konvenut;

Illi bhala konsegwenza ta’ l-incident, il-minuri Christian Gauci ndarab gravement, kien fil-periklu tal-mewt, u ghalkemm ircieva l-kura kollha mehtiega, qed ibati minn debilita’ ta’ natura permanenti kif iccertifikaw it-Tabib Neurologu Anthony Galea Debono u t-Tabib Psikjatra Joseph Saliba (Dok. A);

Illi bhala konsegwenza tal-istess incident, kemm l-atturi *de proprio* kif ukoll l-imsemmi minuri binhom garrbu danni – kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament il-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Illi l-konvenut – interpellat biex jaghmel tajjeb ghad-danni subiti mill-atturi *pro et noe* – baqa’ inadempjenti;

L-istess atturi talbu lil din il-Qorti li lill-konvenut:-

1. Tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrbu l-atturi *pro et noe*;

2. Tillikwida d-danni tal-atturi *pro et noe* occorrendo bl-opra ta' perit nominandi;

3. Tikkundannah ihallas lill-atturi dak l-ammont li jigi dikjarat bhala minnu dovut lill-atturi *pro et noe* in linea ta' danni.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tas-6 ta' Jannar 1997, dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Lulju 1997 (notifikata fit-12 ta' Lulju, 1997) u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri – u bl-imghax skond il-ligi, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 2 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti esebiti a fol. 3 tal-process.

Rat li l-konvenut Mario Borg gie debitament notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz ghas-smiegh permezz tal-

pubblikazzjoni a tenur tal-artikolu 187 (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (vide fol. 24 u 28 rispettivament) fis-16 ta' Lulju, 1999 (Gazzetta tal-Gvern) u 26 ta' Frar, 2000 (The Times) rispettivament u li baqa' ma pprezentax nota ta' l-eccezzjonijiet, ghalhekk huwa kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Marzu, 2001 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat li l-konvenut baqa' ma deherx ghall-kawza u ma pprezenta ebda rikors ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja.

Illi ghalkemm il-konvenut hu kontumaci l-atturi xorta ghandhom jippruvaw il-kaz taghhom.

"*Huwa pacifiku li l-kontumacja ma hijiex ammissjoni*" ("**Charles Saliba vs Salvu Borg"** – Appell 27-6-1997) u "*skond kif dejjem gie riferut minn dawn il-Qrati l-kontumacja ghandha tigi interpretata ukoll bhala oppozizzjoni u l-Qorti ghalhekk tidhol f' certi dettalji li thoss illi huma mehtiega biex tistabilixxi l-verita` tal-fatti*" ("**Ruth Apap vs Noel Apap"** – P.A. FDP 30-6-1995).

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra biex taghti s-sentenza, wara li semghet il-provi li tressqu dwar il-kaz.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) Responsabilita` tal-Incident

Illi l-**WPS 23 Josephine Moore** fl-okkorrenza li ghamlet ta' l-incident li sehh nhar it-2 ta' Awissu, 1995 tikteb illi "*illum 2.8.95 ghal habta tal-11.30p.m. sehh incident tat-traffiku go Triq Santa Anna, Floriana. Il-Pulizija marret fuq il-post u minn stharrig li sar gie stabilit li car E-2990 tal-marka mini minor ta' kulur iswed misjuqa minn Christopher Galea ta' dsatax (19)-il sena li wara li kienet ghaddejja minn Triq Santa Anna fid-direzzjoni tal-belt gie milqut Christian Gauci ta' 9 snin u Kevin Magro ta' 20 sena.*

*Gauci u Magro gew mehuda l-Isptar b'ambulanza, fejn Magro gie ezaminat u … certifikat li kien qed ibati minn … griehi ta' natura hafifa u ntbaghat id-dar.*

*Gauci gie ezaminat … u certifikta … li kellu griehi ta' natura gravi u fil-periklu tal-mewt; Huwa nzamm l-ITU.*

*Minn indagni li saru fil-post max-xufier tal-vettura, Galea qal li kien gej min-naha tal-Blata l-Bajda fid-direzzjoni tal-Belt. Huwa kompla jghid li Triq Santa Anna kienet vojta min-nies u ma ra lil hadd jaqsam, meta f'daqqa sema hoss u ra xi hadd ma' l-art. Il-pulizija wara marret tkellem lil Magro l-Isptar fejn qal li kienu qed jiccelebraw ir-rebh tal-football tal-Furjana u wara li qasmu t-triq ma xi nies ohra hekk kif waslu*

*mac-Central Strip, ra karozza fuqu u ra ukoll lil Gauci jtir mad-daqqa. Gauci ma kienx f'kundizzjoni li l-pulizija tista' tkellmu".*

Illi fix-xhieda taghha **WPS 23 Josephine Moore** tghid illi l-minuri Christian Gauci intlaqat vicin is-Central Strip li hemm fejn l-Iljun fil-Furjana u l-Kazin tal-Labour. Il-midrub kien jinsab fil-"*lane tan-nofs lejn l-ahhar wahda*" (Ara fol. 102 tal-process). Minn ezami ta' fol. 47 tal-process jirrizulta illi hemm roqa demm fejn tispicca t-tieni lane u tibda t-tielet wahda inti u taqsam minn naha tal-Fosos sejjer lejn l-istatwa ta' l-iljun. Din ix-xhud tkompli tghid illi l-verzjoni ta' Christopher Galea kienet illi "*meta kien diehel lejn il-Belt ma ra lill-hadd jaqsam it-triq. Fil-fatt sema' hoss u ra tifel ma' l-art*" (Ara fol. 105 tal-process). Inoltre, din ix-xhud tghid illi t-triq kienet imdawwla.

Fl-atti ta' l-inkjesta, ezebiti f'dan il-process jirrizulta illi **Christopher Galea** bil-gurament tieghu jghid illi "*kont insuq mas-Centre Strip bla traffiku quddiemi. Qbizt l-Iljun u habta u sabta smajt hoss u waqaft u rajt tifel mal-art, fl-art warajja*" (fol. 119 tal-process), u "*mistoqsi kienx hemm nies fit-triq nghid ma nafx ghax ma qadtx inhares*" (fol. 119 tal-process). Il-perit legali staqsa lil dan Christopher Galea jekk it-tifel giex mix-xellug jew mill-lemin u dan Galea wiegeb illi "*nghid ma nafx ghax mohhi fit-triq*" u mistoqsi jekk f'xi hin ibbrejkjajtx nghid li mal-hoss li ga semmejt hadt

qatgha u bbrekjajt bil-mod” u “*lili ma fixkilni ebda traffiku*” (fol. 120 tal-process).

Illi l-**Perit Legali** fir-rapport tieghu jghid illi “*hu evidenti li t-tlieta min-nies imsemmija (Kevin Magro, Christian Gauci u Andre’ Gauci) qasmu bla debita diligenza. Fil-kaz tat-tifel, dan kien jiddependi fuq il-maggorenni li kellu mieghu u li kienu mistennija jiehdu hsiebu. Li Kevin Magro zammlu idu kienet mizura tajba izda oltre dan, ried joqghod ukoll attent kif jaqsam. L-attenzjoni trid tkun il-hin kollu u mhux biss inizjalment, kif ser tibda taqsam*”. (Fol. 124 tal-process).

Xehed **Kevin Magro** li qal illi “*waqt li konna qed naqsmu, Andre’ qasam qabilna, u kif wasalt kwazi ftit aktar min-nofs tat-triq hassejt daqqa fuq idi u t-tifel ma rajtux aktar hdejja jigifieri*”. (Fol. 139 tal-process).

Xehed **Andre Gauci** li qal illi “*jiena kont dik in-naqra qabel it-tnejn l-ohra, hija jzommlu jdejh Kevin Magro. Meta gejt biex naqsam ma rajt ebda karozza gejja min-naha ta’ l-iljun. Appena gejt fejn ic-‘central strip’ rajt vettura tghaddi minn warajja u harist lura ghax kont naf li kelli lil siehbi u lil hija warajja. U rajt lil Kevin jigri wara tal-mini s-sewda jghajjat: “ieqaf, ieqaf”. Meta harist lura smajt tlett hsejjes, ta’ laqta, tlett daqqiet, pero’ lil hija ma rajtux jintlaqat ghax il-karozza kienet tattijuli. Jiena rajt lil hija ma’ l-art ma jiccaqlaqx …”.* (Fol. 152 u 153 rispettivament tal-process).

Illi mill-provi kollha prodotti inkluz l-iskizz, u l-okkorrenza m'hemmx dubju li l-konvenut ma zammx "*a proper look-out*" u fil-fatt minhabba f'hekk tajjar tifel li dak iz-zmien ta' l-incident kellu disa' snin. Il-fatt illi persuna tkun mohha fi triq mhux neccessarjament jimplika li tkun qed izzomm "*a proper look-out"*. Tant hu hekk, illi meta wiehed ikun qed isuq irid ikun konsapevoli x'qed jigri madwaru. Ix-xufier ma jistax jillimita l-obbligu tal-vizwali tieghu ghal xi vettura ohra quddiemu izda dan l-obbligu jrid jinkludi ukoll x'hemm fil-wisgha kollu li ttih il-harsa 'l quddiem.

Illi din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma u konvinta li t-tezi ta' l-atturi hija dik veritiera.  Dan anke minhabba l-fatt illi minkejja li l-konvenut huwa kontumaci, huwa qatt ma deher il-Qorti biex jikkontradici l-provi prodotti, u dan tenut kont tal-fatt li rrizulta b'mod car, li l-konvenut lanqas biss kien konxju ta' dak li qed jigri quddiemu, meta kien fi triq wiesgha u kellu vizwali sew ta' dak kollu li kien hemm fit-triq.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess, il-konvenut ghandu jinzamm responsabbli ghall-incident li sehh fit-2 ta' Awissu, 1995 u ghalhekk responsabbli ghall-konsegwenti danni sofferti mill-istess atturi *proprio et nomine*.

(B) <u>Likwidazzjoni ta' Danni</u>

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li l-Christian Gauci soffra dizabilita permanenti. Di fatti Dr. J R Saliba M.D. M.R.C. Psych. u Dr A Galea Debono M.D. F.R.C.P., F.R.C.P.E. ikkonkludew fir-rapport taghhom tal-11 ta' Awissu, 1997, (ara fol. 9 tal-process) li gie ikkonfermat minnhom bil-gurament fl-14 ta' Novembru, 2000 illi: "*Christian Gauci sustained a sever head injury which gave rise to a major behavioural defect. This abnormality is expected to persist indefinitely, and ultimately to lead to social problems and problems with finding employment. This disability which is of a serious nature is estimated at circa 25%.*

*Christian is also liable to develop late epilepsy. In somebody with a depressed fracture who has had a period of unconsciousness longer than 24 hrs without a dural tear, with no focal signs and no early epilepsy, the risk of developing late epilepsy is circa 25%. Should Christian actually develop epilepsy, this in itself would be a disability of 35% as this would have major implications regarding his employment prospects and general earning capacity.*

*This disability in this regard amounts to 9% (25% of 35%). The total disability is therefore 34%".*"

Illi din il-Qorti qed tqis dan ir-rapport bhala ammissibbli a tenur ta' l-**artikolu 563A** tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u dan bhala rapport ta' espert *ex parte* liema artikolu jghid illi:

**563A. (1)** Meta persuna tissejjah bhal xhud, l-opinjoni taghha fuq kull kwistjoni rilevanti li dwarha hi kwalifikata taghti xiehda bhala espert, ghandha tintlaqa' bhala xiehda biss jekk, fil-fehma tal-qorti, dik il-persuna jkollha l-kwalifiki mehtiega dwar dik il-kwistjoni.

**(2)** Meta persuna tissejjah bhala xhud, dikjarazzjoni ta' opinjoni li ssir minnha fuq kull kwistjoni rilevanti li dwarha mhijiex kwalifikata taghti xiehda bhala espert, jekk din ix-xiehda tinghata b'mod li jinghadu fatti rilevanti li jkunu gew konstatati personalment minnha, ghandha tkun ammissibbli bhala prova ta' dak li dik il-persuna tkun hemm ikkonstatat.

**(3)** L-opinjoni moghtija minn persuna skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ghandha tkun minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 681** u ghas-setgha tal-Qorti li tahtar perit skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 646**.

Illi mill-okkorrenza esebita mis-Surgent tal-Pulizija WPS 23 Josephine Moore jirrizulta illi l-minuri Christian Gauci kellu disa' (9) snin meta sehh l-

incident u tenut kont tal-**Artikolu 1045 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi li l-*"persuna responsabbli ghandha twiegeb (*inter alia) *ghat-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib".* **Fl-artikolu 1045 (2)** tali "*somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita' tigi stabilita' mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, x-xorta u il-grad ta' inkapacita' ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara".*

Illi tali regoli gew supplimentati bil-principji stabbiliti fil-kawza **"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"** (A. 22 ta' Dicembru 1967) li pero' giet aggustata ghaz-zminijiet aktar ricenti peress li kif intqal fil-kawza **"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"** (A. 16 ta' Novembru 1983) *"ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-Gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu".*

Hekk per ezempju ghar-rigward tal-*multiplier* applikat ghall-kuncett tal-*working life expectancy of the victim* fejn qabel ic-*ceiling* qatt ma eccedda l-20, pero' llum bis-sentenza **"Mary Bugeja nomine et vs George Agius nomine"** (App. 26 ta' Lulju 1991) is-sitwazzjoni tbiddlet ghaliex l-istess Onorabbli Qorti rrikonoxxiet illi ghalkemm is-sistema stabilita f'**Butler vs Heard** hija dik l-iktar addatta, sakemm tinstab sistema ohra ta'

komputazzjoni aktar gusta, pero' dan ma jfissirx illi "*Il-Qorti ghandha jew tista' tikkonsidra ruhha marbuta rigorozament ma' applikazzjoni tas-sistema msemmija li jorbtilha idejha li dejjem u f'kull kaz ghandha tapplika multiplier li f'certi cirkostanzi evidentement ikun iwassal ghall-likwidazzjoni irreali jekk mhux addirittura ngusti. Fil-fehma konsiderata taghha, sistema, tkun liema tkun, hija tajba purche' thalli f'idejn il-gudikant dak il-margni ta' diskrezzjoni li hu jhoss li konformement ma' l-aspetti partikolari ta' kull kaz hu necessarju sabiex issir gustizzja".*

Illi dan gie segwit bis-sentenza **"Vincent Axisa vs Alfred Fenech et"** (P. A. 16 ta' April 1991) fejn il-Qorti sostniet illi *" din il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandiex tkun marbuta ma decizjonijiet li jillimitaw l-life expectancy sa massimu ta' ghoxrin sena", u* tali principju gie konsistentement segwit u zvillupat mill-gurisprudenza nostrali tenut kont dejjem tac-cirkostanzi kollha tal-kaz in partikolari, u inkluz *'changes and chances'* tal-hajja b'dan li l-Qorti ma ghandha tkun qatt marbuta ma "*xi massimu gia stabilit sallum li, fl-ahhar mill-ahhar, huwa dejjem arbitarju w opinjonistiku".* **("Karen Zimelli vs Michael Sammut" - P.A.).**

Illi din it-tendenza giet segwita f'diversi sentenzi fosthom **"Jacqueline Cassar vs Joseph Buhagiar et"** (P.A. 1.3.1992); **"Duncan Vassallo vs Khalid Schwej"** (P.A. 8 ta' Marzu 1996); **"Robert Barbara**

**vs Saviour Galea"** (P.A.11 ta' Ottubru 1996); **"Susan Davies vs Anthony Galea"** (P.A. 10 ta' Ottubru 1997); **"Joseph Attard vs Carmelo D'Amato"** (P.A. N.A. 5 ta' Ottubru 1999); **"George Gatt vs Francis E. Carbone"** (App. 7 ta' Lulju 1998); **"Anthony Turner et vs Francis Agius et"** (G.C.D. 17 ta' Frar 1998); **"Arthur Bonello nomine vs James Camilleri et"** (J.S.P. 13 ta' Jannar 1998), fejn ghalhekk il-*multiplier* gie aggustat sabiex jirrifletti r-realta' odjerna, u aspettattiva iktar ekwa u konformi mal-gustizzja effettiva.

Illi fil-fatt din it-tendenza, alimentata mill-animu sabiex id-danneggjat ikun verament u realment ikkumpensat tad-danni li soffra, u dan apparti l-kuncett ta' *"pain and suffering",* giet mehuda ukoll oltre f'certi pronunzjamenti mill-Qrati taghna, fosthom **"Mary Bugeja vs George Agius"** (P.A. J.H. 12 ta' Jannar 1987) li sostniet illi *"l-Qrati fil-pronunzjamenti taghhom dwar il-kriterji li ghandhom jintuzaw biex jippruvaw jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi li l-likwidazzjoni ta' danni f'kazijiet simili, dejjem jaghtu lok ghalihom li qatt ma jirrunzjaw ghall-fakolta' diskrezzjonali taghhom … … … Dik l-Onorabbli Qorti ppronunzjat ruhha li taqbel li ghandu jkun hemm certa elasticita' ta' kriterju ghaliex il-pronunzjament huwa wiehed ta' probabilita'. Id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss li meta tinghata b'sentenza mhiex aktar soggetta ghall-ebda revizzjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorispondi kemm jista' jkun mar-realta`".*

Din fil-fatt ghandha tkun il-mira ta' kull evalwazzjoni u kalkolazzjoni ta' danni. Din l-istess vina giet segwita fil-kawzi **"Emanuel Agius vs Joseph Galea et nomine"** (K.G.M.B. 11 ta' Lulju 1989) u **"Mario Camilleri vs Mario Borg et nomine"** (G.M.B.) fejn inghad illi *"L-Gustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti tar-realta' u kemm huwa possibbli, terga tpoggi l-vittma, ta' kwalsiasi att ingust, fl-istat li kienet qabel … … Huwa ngust li f'dawn il-kazijiet, u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma ta' l-att illegali u ingust ta' haddiehor m'huwix possibbli, ma tassikurax kemm tista' tkun kompensazzjoni adegwata. Altru milli imprevist. L-ezercizzju huwa fuq ir-realta' sakemm hija prevedibbli a bazi ta' statistika u induzzjoni".*

Illi aktar jidher car li a bazi tal-ligi taghna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija f'latitudini wiesgha imhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm certi principji ghandhom jezistu, u fil-fatt jezistu ghas-soluzzjoni tal-istess, dawn certament ma humiex assoluti, u l-Qorti zgur li ma hijiex obbligata li tapplika l-istess, specjalment meta ir-rizultat tal-applikazzjoni taghhom ma jwassalx ghall-kumpens reali u adegwat.

Illi fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Marzu, 1986 intqal illi:

"*In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettativa tal-hajja in generali tad-danneggjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni ic-'chances and changes' tal-hajja*".

Ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Mejju, 1984 intqal illi:

"*Il-perjodu tal-multiplier ghandu dejjem jigi kunsidrat li jibda jiddekorri mid-data ta' l-incident. Id-danni necessarjament jigu likwidati wara l-incident, u xi drabi ftit wara l-incident u xi drabi ohra, stante proceduri legali li fin-natura taghhom jinvolvu t-trapass taz-zmien, xi ftit snin wara l-incident u eccezzjonalment bosta snin wara. Il-fatt li jkun ghadda z-zmien sa kemm jigu likwidati d-danni m'ghandux jaffettwa l-metodu ta' likwidazzjoni li ghandu dejjem jibqa l-istess billi l-perjodu tal-multiplier dejjem jibda jiddekorri mid-data tal-incident. Altrimenti l-likwidazzjoni bil-multiplier ma issirx b'mod uniformi...".*

Illi dwar il-lump sum jinghad illi fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb *pro et noe"*** (P.A. J.S.P.) deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 1995 intqal:

*"Fir-rigward tar-riduzzjoni ghall-`lump sum payment' il-Qorti, fl-iskorti ta' decizjonijiet ohra moghtija minnha*

*kif presjeduta, jidhrilha li ... ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal 'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal- prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data".*

Illi l-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tal-5 ta' Frar, 1980 fl-ismijiet "**Vincenza Vella Dalmas vs John Ghigo et"** qalet illi:

"*B'telf ta' qliegh wiehed ma ghandux jifhem biss telf ta' salarju jew hlas iehor li huwa jircievi izda ghandu jinkludi l-ispejjez kollha li mhabba fl-infortunju l-persuna jkollha taghmel ghaliex hija se jkollha titlef dawn il-flus imhabba f'dan l-infortunju".*

Illi l-midrub f'dan il-kaz huwa minuri u ovvjament ma kienx qed jahdem u jippercepixxi xi tip ta' introjtu biex din il-Qorti tkun tista tikkalkula l-ammont dovut bhala *lucrum cessans* u *damnum emergens*.

Illi dawn il-Qrati iddecidew kazijiet ta' minuri li jsofru debilita permanenti f'incidenti. Fost dawn hemm: "**George Micallef *pro et noe* vs Gordon Camenzuli"** deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997 mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell u "**Paul Scerri et *pro et noe* vs Tancred Cesareo"** (Cit. Nru. 115/95 GV) deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' Jannar, 1997.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni l-fatturi li din il-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni huma s-segwenti:

1. Li l-minuri ma kienx jahdem;
2. Li huwa kellu disa' (9) snin meta sehh l-incident;
3. Li huwa sofra *permanent disability* ta' 34%.

Illi meta sehh l-incident l-minuri ma kienx jahdem u dan minhabba l-eta tenera tieghu u b'hekk kellu aspettativa ta' hajja lavorativa twila u normali kif ukoll lukrattiva;

Illi din il-Qorti, diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Scerri et *pro et noe* vs Tancred Cesareo"** (Cit. Nru. 115/95 GV) deciza fis-27 ta' Jannar, 1997 qalet illi:

"*Illi l-Qrati taghna bhal pajjizi ohra jakkordaw 'once-for-all lump sum payment'. Din hija sistema li ghandha l-problemi taghha billi "the Court must attempt to assess the value of a loss which may extend thirty or forty years into the future", u kif qal Lord Scarman fil-kaz Lim v Camden & Islington A.H.A. [1980] A.C 183. "knowledge of the future being denied to mankind, so much of the award as is to be attributable to future loss and suffering will almost certainly be wrong. There is really only one certainty: the future will prove the award to be either too high or*

*too low". U "The multiplier will be less than the average working life expectancy of a person of that age but the theory of the matter is that the income from the capital sum, supplemented by drawings on the capital, will provide the plaintiff with the equivalent of his total net earnings throughout the period. Furthermore such an award (li tiehu hajja lavorativa massima) would make no allowance for the "vicissitudes of life" (eg. premature death) which may affect the plaintiff after the accident or which might have affected him but for the accident. In other words, the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income. (The Law of Tort - W.V.H.Rogers 1994 2nd Ed. p. 228)".*

Jifdal li jigi ffissat l-ammont ta' paga li fuqha l-Qorti ser tibbaza l-kalkoli taghha. Christian Gauci kellu disa' (9) snin meta sehh l-incident u l-prospetti tieghu kien li ser jaqla' aktar mill-minimum wage. Il-*minimum wage* skond l-avviz legali numru 266/2000 hija ta' disgha u erbghin lira u tmienja u tmenin centezmu (Lm 49.88).

Ghar-rigward tal-kwantum ta' paga li kien ser jkollu l-minuri meta dan jibda jahdem u cioe ta' tmintax (18)-il sena issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-

Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "**George Micallef *pro et noe* vs Gordon Camenzuli"** deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997 fejn intqal illi:

"*Konsidrat ic-"chances and changes" tal-hajja, kif ukoll li hawn si tratta ta' kalkolu pjuttost arbitrarju u ipotetiku hu sewwa li l-Ewwel Qorti hadet bhala bazi 'minimum wage' ta' LM50 fil-gimgha li jirrifletti zieda fil-paga minima, ragonevoli imma adegwata, fuq dik attwali".*

Illi din il-Qorti ser tiehu bhala bazi paga *average* basika ta' Lm50 (*minimum wage*) u ghaxar liri ohra maghhom *arbitrio boni viri* li b'kollox jammontaw ghal sittin (Lm60).

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern jirrizulta li Christian Gauci kellu disa' snin meta gara l-incident u ghalhekk kellu "*working life expectancy*" ta' cirka tlieta u erbghin (43) sena u fic-cirkostanzi ma thossx li ghandha tapplika multiplier inqas, minn dan l-ammont ta' zmien, anke ghaliex ma ngabu ebda provi ghaliex dan ghandu jkun inqas.

Illi jirrizulta wkoll illi dan Christian Gauci soffra debilita permanenti ta' 34% skond ir-rapport tal-esperti ex parte Dr J R Saliba u Dr A Galea Debono a fol. 9 tal-process.

(C) KALKOLI TAD-DANNI

| | |
|---|---|
| Lm 60 (paga) x 52 (gimghat x 43 (sena) | = Lm 134,160 |
| 34% Disabilita` | = Lm 45,614.40 |
| - 20% Lump sum payment | = Lm 36, 491.52 |

L-ammont dovut jigi allura sitta u tletin elf, erba' mija wiehed u disghin lira u tnejn u hamsin centezmu li l-Qorti qed taghmilhom sitta u tletin elf u hames mitt lira (Lm36,500) ghad-dritt.

Dawn huma d-danni dovuti lil Christian Gauci.

Illi kwindi l-ammont globali li ghandu jithallas lill-atturi *proprio et nomine* in linea ta' danni kawza tal-incident premess hu ta' sitta u tletin elf u hames mitt lira (Lm36,500), liema ammont ghandu jithallas lill-atturi *proprio et nomine* mill-istess konvenut.

**III. KONKLUZZJONI**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan li:

(1) Tiddikjara li dan l-incident awtomobilistiku li sehh fit-2 ta' Awissu, 1995 gara tort unikament tal-konvenut u konsegwentement huwa responsabbli ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrbu l-atturi *proprio et nomine*.

(2) Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' sitta u tletin elf u hames mitt lira (Lm36,500).

(3) Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-atturi *proprio et nomine* l-ammont ta' sitta u tletin elf u hames mitt lira (Lm36,500), bhala danni sofferti mill-atturi *proprio et nomine* kawza ta' l-istess incident.

Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sa l-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 8 ta' Lulju, 1997 u ta' l-ittra ufficjali datata 22 ta' Settembru, 1998 kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**26 ta' April, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**26 ta' April, 2001**